MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2009/1

**Avukat Dr. Joseph Ellis**

**vs**

**Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Lulju, 2009, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors prezentat fis-7 ta' April 2009 li fih ir-rikorrent, li kien l-avukat difensur tal-atturi fil-kawza **John Mizzi et vs With It Ltd et** (Rikors numru: 67/2007), qieghed jikkontesta t-taxxa tal-intimata ghar-raguni li:-

(a) Id-drittijiet gudizzjarji kellhom jigu kalkolati fuq l-ammont li kienu qeghdin jippretendu l-atturi u mhux fuq l-ammont li l-qorti llikwidat fis-sentenza.
(b) Id-dritt intaxxat ghar-rikors prezentati fis-6 ta' Awwissu 2007 u l-1 ta' Frar 2008 fl-ammont ta' €13.98 hu baxx meta paragunat mad-dritt li jithallas ghall-ittra ufficjali.
(c) L-affidavit li gew prezentati m'humiex intaxxati kollha u ma giex intaxxat dritt gust.
(d) Ma gewx intaxxati drittijiet ghad-digrieti li nghataw fil-kawza.
(e) In-nota ta' sottomissjonijiet kienet tali li timmerita dritt ghola.

Rat in-nota prezentata mill-intimata fid-19 ta' Mejju 2009 (fol. 6) fejn issostni li:-

a. Ghal dak li hu valur, l-intaxxar kellu jsir fuq l-ammont determinat fis-sentenza tad-19 ta' Dicembru 2008.
b. Fir-rigward tal-kumplament tal-ilment tar-rikorrent, l-intaxxar hu korrett u m'hemmx bazi ghar-revizjoni.

Rat li r-rikors gie notifikat lil kull min seta' kellu nteress u nghataw l-opportunita' li jwiegbu skond kif jipprovdi l-Artikolu 64 tal-Kap. 12.

Rat ir-risposta prezentata mill-avukat Dr Malcolm Pace fis-26 ta' Mejju 2009 u Helen Grech fid-29 ta' Mejju 2009 fejn bazikament gie eccepit li:-

1. In-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti.
2. L-intaxxar li sar mill-intimata b'riferenza ghall-kawza **John Mizzi et vs With It Limited et** (Rikors 67/2007) hu korrett.
3. Il-kwistjoni dwar fuq liema valur kellu jsir l-intaxxar hu llum determinat wara decizjoni li nghatat fis-26 ta' Mejju 2008 fil-proceduri ta' ritassa fl-ismijiet **Helen Grech vs Registratur Qrati Civili u Tribunal ghal Ghawdex et** (Rikors 67/2007).

4. Fir-rigward tal-kumplament tal-ilment l-ohra tar-rikorrent, it-talba ghar-revizjoni m'hijiex gustifikata u anzi l-parti l-kbira taghhom l-intaxxar sar kwazi fuq il-bazi tal-massimu kontemplata fit-Tariffa E tal-Kap. 12.

Rat l-atti tal-kawza **John Mizzi et vs With It Ltd et** (Rikors numru: 67/2007). Rat ukoll l-atti tal-procediment fl-ismijiet **Helen Grech vs Registratur Qrati Civili u Tribunal ghal Ghawdex et** (Rikors 67/2007) deciz fis-26 ta' Mejju 2009 u li kien ukoll jittratta talba ghal ritassa skond l-Artikolu 64 tal-Kodici Civili fir-rigward tal-kawza fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:-

1. Jibda biex jinghad li fir-rigward tal-argument ta' Helen Grech li din il-qorti m'ghandix kompetenza, din il-materja diga' giet trattata fir-rikors ta' ritassa fl-ismijiet **Helen Grech vs Registratur tal-Qorti et** (67/07). Il-qorti taddotta r-ragunament li sar f'dik id-decizjoni u tikkonkludi li ghandha kompetenza biex tittratta t-talba tar-rikorrent.

2. Fil-meritu, l-ewwel ilment tar-rikorrent hu li l-kawza kellha tigi ntaxxata fuq l-ammont in kontestazzjoni. L-istess rikorrent iffirma r-risposta li pprezentaw il-konjugi Mizzi fil-procediment ta' ritassa li ghamlet Helen Grech u deciz fis-26 ta' Mejju 2009. F'dik ir-risposta l-konjugi Mizzi argumentaw li r-Registratur ghamlet sew meta ntaxxat fuq l-ammont li llikwidat il-qorti u mhux fuq l-ammont li kienu qeghdin jippretendu l-atturi. Illum ir-rikorrent qieghed jaddotta linja ta' argumentazzjoni differenti, fis-sens li d-dritt kellu jigi ntaxxat fuq l-ammont pretiz mill-atturi u mhux l-ammont li llikwidat il-qorti. Atteggjament li l-qorti ma tistax tapprova in kwantu hu evidenti l-kunflitt ta' interess li kellu l-istess rikorrent bejn l-interessi personali tieghu u l-interessi tal-klijenti tieghu (il-konjugi Mizzi).

Fid-decizjoni tas-26 ta’ Mejju 2009 il-qorti ma tatx decizjoni finali fuq dan il-punt, cjoe’ jekk l-intaxxar tad-dritt tal-avukat kellux isir fuq l-ammont li kienu qeghdin jippretendu l-atturi jew fuq l-ammont likwidat fis-sentenza. Wara li l-qorti hasbet fit-tul, hi tal-fehma li meta t-talba fir-rikors guramentat tkun limitata ghal likwidazzjoni ta’ somma flus minghajr ebda ndikazzjoni ta’ cifri u fis-sentenza l-qorti tillikwida s-somma li tkun dovuta lill-attur, ir-Registratur ghandha tintaxxa fuq l-ammont li jkun effettivament gie likwidat fis-sentenza. Fil-fehma tal-qorti r-riferenza ghall-procediment ta’ ritassa fl-ismijiet **Kummissarju tal-Pulizija et vs Registratur tal-Qorti** deciza fit-30 ta’ Jannar 2008 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili m’hijiex flokha in kwantu il-fattispecjie ta’ dak il-kaz huma differenti. Gialadarba fis-sentenza tad-19 ta’ Dicembru 2008 gie likwidat l-ammont ta’ kera dovut lill-konjugi Mizzi skond il-ftehim lokatizju tal-24 ta’ Dicembru 2004 (wara kollox din kienet it-talba tal-konjugi Mizzi), ghandu japplika paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li jipprovdi ghal mod kif ghandu jigi ntaxxat il-valur. Il-qorti tifhem li paragrafu 13 qieghed jirreferi ghall-ammont li fis-sentenza jkun gie dikjarat li hu dovut, u mhux l-ammont li seta’ kien qieghed jippretendi l-attur fil-kors tal-kawza. Lanqas ikun gust li ghall-parti telliefa u li sofriet l-ispejjez tal-kawza (inkluzi dawk tat-talbiet tal-atturi), l-ammont jigi ntaxxat fuq l-ghola somma li kienu qeghdin jippretendu l-konjugi Mizzi.

3. Fir-rigward tar-rikors li ghamlu l-atturi fis-6 ta’ Marzu 2007, il-qorti tqies li l-ammont intaxxat mill-intimata hu gust. F’dak ir-rikors l-atturi kienu qeghdin sempliciment jitolbu sabiex il-qorti testendi t-terminu ghall-prezentata tal-affidavit taghhom b’ghoxrin jum mid-data tan-notifika tar-risposta guramentata tal-konvenuti. Irrispettivament ta’ x’inhu d-dritt ta’ ittra ufficjali, l-intaxxar li ghamlet l-intimata jaqa’ fil-parametri tat-Tariffa E u kien wiehed gust meta tqies x’intalab

permezz tal-imsemmi rikors. L-istess argument japplika fir-rigward tar-rikors tal-1 ta' Frar 2008 li kien semplici talba tal-avukat Ellis ghal differiment ghaliex qal li fis-seduta li kien imiss kellu jattendi ghal kors fuq it-taxxa. Il-qorti ma tifhimx kif ir-rikorrent qieghed jippretendi hlas meta kien hu stess li ghamel it-talba ghad-differiment. Anzi l-qorti tasal biex tghid li rikors simili qatt ma messu gie ntaxxat, in kwantu sar minn avukat li m'huwiex parti fil-kawza. Ikun ferm facli ghall-avukati li joqghodu itellghu d-drittijiet taghhom billi jipprezentaw rikorsi simili f'isimhom fil-kors ta' kawza. Ghal din il-qorti dan m'huwiex accettabbli.

4. Kull wiehed mill-atturi xehed permezz ta' affidavit. L-atturi ipprezentaw ukoll affidavit tal-avukat Dr Joseph Ellis. Skond it-taxxa li ghamlet l-intimata jirrizulta li t-tlieta li huma gew intaxxati. Ghal kull affidavit l-avukat inghata dritt ta' €23.29. Ghat-thejjija ta' affidavit, it-Tariffa E tipprovdi ghal dritt bejn €4.66 sa €34.94. Fil-fehma tal-qorti l-affidavit tal-konvenuta ma kienx jimmerita €23.29, izda pjuttost il-minimu (€4.66). F'dan l-affidavit jikkonsisti f'sentenza wahda:

***"Jiena qed naqra l-affidvit ili halef ir-ragel tieghi John u nista' nikkonferma l-kontenut kollu ta' l-istess affidavit li ghandu, specjalment dak kollu li jiena kont prezenti ghalih kif ukoll meta ffirmajt l-ircevuta illi talabni niffirma l-avukat Malcolm Pace."***.

Jekk forsi l-affidavit ta' Joseph Mizzi kien jimmerita xi haga iktar bhala dritt, in-nieqes zgur li ttiehed fid-dritt tal-affidavit ta' Josephine Mizzi. Il-qorti hi tal-fehma li d-dritt ta €23.29 ghall-affidavit ta' Josephine Mizzi hu eccessiv. Fic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tvarja l-intaxxar tad-dritt tal-affidavit li ghamlu l-atturi. Fir-rigward tal-affidavit li ghamel l-istess rikorrent, meta tqies li:-

(a) Il-massimu tad-dritt hu ta' €34.94 u d-dritt li nghata hu ta' €23.29;
(b) L-affidavit jikkonsisti faccata wahda u ftit li xejn inghatat informazzjoni, u hu evidenti li t-thejjija tal-affidavit ma kenitx tirrikjedi xi hin twil;

tqies li d-dritt intaxxat hu gust.

5. B'riferenza ghad-digrieti li nghataw fil-kors tal-kawza, ir-rikorrent ma ghamilx riferenza ghal liema digrieti kien qieghed jalludi. Il-qorti ttendi li taqbel mal-intimata li bhala principju ghandhom jigu ntaxxati dawk id-digriet li jkunu ta' certu mportanza. Jekk wiehed kellu japplika paragrafu 26 tat-Tariffa E *ad litteram*, ikun ifisser li **kull** digriet (anke fejn il-qorti sempliciment tordna notifika ta' rikors bi dritt ta' twegiba jew tawtorizza l-hrug ta' tahrika ta' xhieda) ghandu jigi ntaxxat. Il-qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' hsieb minkejja li t-tariffa tghid **"kull digriet"**. Il-qorti ma tistax tiskarta l-fatt li jkun diga' gie ntaxxat dritt tal-avukat ghar-rikors. Wara li l-qorti regghet rat l-atti, hi tal-fehma li f'dan il-kaz l-uniku digriet li kellu jigi ntaxxat mill-intimata kien dak tat-22 ta' Ottubru 2007[1] u li kien jittratta talba tal-atturi sabiex jigi msejjah fil-kawza l-avukat Dr Malcolm Pace. Mit-taxxa u l-process tal-kawza jirrizulta li dan id-digriet ma giex intaxxat.

6. Dwar in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fl-1 ta' Settembru 2008, l-intimata ntaxxat dritt ta' €175. Skond it-Tariffa E (para 1c) id-dritt ghan-noti ta' sottomissjonijiet ivarja minn €46.59 sa €232.24. Il-qorti wara li regghet qrat in-nota u meqjus li l-massimu hu ta' €232.24, ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tvarja s-somma ntaxxata mill-intimata. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li n-nota kien jimmeritaha l-massimu (€232.24). Inoltre meqjus ukoll li d-diskrepanza bejn l-

[1] Ara fol. 52-54 tal-kawza 67/2007.

ammont intaxxat u l-massimu hu tant zghir (€57.24), tqies li m'hemmx lok ta' revizjoni.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda ghar-ragunijiet fuq moghtija tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament fir-rigward tal-intaxxar tad-digriet moghti fit-22 ta' Ottubru 2007, u ghalhekk:-

a. Tordna lill-intimata sabiex tintaxxa d-dritt fir-rigward tad-digriet moghti fit-22 ta' Ottubru 2007. A skans ta' kull ekwivoku tfakkar li fl-imsemmi digriet il-qorti pprovdiet li l-ispejjez tad-digriet ghandhom ibaghatuhom il-konjugi Mizzi.

b. Tichad il-kumplament tat-talba tar-rikorrent.

Spejjez kontra r-rikorrent meqjus li minn hames ilmenti kien biss fuq parti minn ilment wiehed li nghata ragun."

Fl-appell tieghu minn din id-decizjoni r-rikorrenti appellant iqajjem dawn iz-zewg lanjanzi:-

1. Fl-ewwel lok jissottometti illi huwa hassu ngurjat minn certi kummenti ta' l-ewwel Qorti fil-konfront tieghu in kwantu, kif minnu kontez, dawn ma kienux gustifikati gjaladarba fil-proceduri "Helen Grech -vs- Registratur, Qrati Civili u Tribunali ghal Ghawdex *et*", konkjuz bid-decizjoni tas-26 ta' Mejju, 2009, huwa zamm in mira l-interessi tal-klijenti tieghu konjugi Mizzi u mhux tieghu personalment;

2. Minghajr ma pprovdiet motivazzjoni fondata l-ewwel Qorti skartat gurisprudenza konsolidata li tafferma illi t-tassazzjoni ghandha ssir fuq is-somma li tirrizulta mill-massa litigjuza. Huwa jissottometti illi mill-atti tal-kawza originali fl-ismijiet "John Mizzi *et* -vs- With it Limited *et*" (Rikors Nru. 67/2007) kellu jirrizulta mill-korp ta' l-ittra ufficcjali (19 ta' Settembru, 2006), ghal-liema saret referenza fl-atti ta' dik il-kawza, liema wkoll giet annessa

ma' l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni (46/2007), x'kien l-ammont li qed jigi pretiz;

Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tibda biex tinvesti dan l-ahhar aggravju in kwantu hu l-aktar ta' sustanza, anke jekk fl-istess waqt mhux ser tonqos milli tadduci r-riflessjonijiet taghha fir-rigward ta' l-ewwel ilment;

Jinhass utli illi qabel kull konsiderazzjoni ohra l-Qorti tirriproduci fil-qosor l-antecedenti li wasslu ghall-appell odjern:-

1. Permezz tal-kawza istitwita b'rikors guramentat fl-ismijiet "John Mizzi -vs- Is-Socjeta "With it Limited" u Helen Grech" (Nru. 67/07/AE), il-konjugi Mizzi talbu lill-Qorti tillikwida l-ammont dovut lilhom bhala kera tal-fond numru 40C, Triq il-Palma, Victoria fit-termini ta' l-iskrittura ta' l-24 ta' Dicembru 2004. Dan wara li, *inter alia*, ippremettew illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante l-interpellazzjoni b'ittra ufficcjali ghal pagament ta' kera mill-1 ta' Marzu 2006 sa l-ahhar ta' Frar, 2021 skond il-proviso tal-klawsola 6 tal-precitata skrittura ta' ftehim. Is-sentenza pronunzjata f'dik l-istanza fid-19 ta' Dicembru, 2008 kienet hemm iddeterminat illi l-konjugi Mizzi kienu intitolati ghall-hlas ta' kera ghall-perijodu mill-1 ta' Marzu, 2006 sat-28 ta' Frar, 2007 u ghaddiet biex illikwidat il-kera fl-ammont ta' €25,506;

2. B'rikors intavolat minn Helen Grech fit-23 ta' Marzu, 2009 din talbet ir-ritassa ta' l-ispejjez u tad-drittijiet tal-kawza ghaliex ippretendiet li t-tassazzjoni mahruga mir-Registratur kellha tinhadem fuq l-ammont ghola reklamat mill-atturi konjugi Mizzi fil-kawza succitata. Bid-decizjoni taghha tas-26 ta' Mejju 2009 l-Qorti adita cahdet din it-talba wara li kkunsidrat illi t-tassazzjoni tad-drittijiet kellha tigi determinata mid-domanda jew fuq l-ottenut mis-sentenza ghal kaz fejn l-ammont ma jkunx specifikat fid-domanda;

Premessa din l-introduzzjoni, fil-kaz prezenti l-appellanti jillamenta minn dik l-istess tassazzjoni tar-Registratur fil-kawza per Rikors Nru. 67/07 deciza, kif inghad, fid-19 ta' Dicembru, 2008 ghaliex isostni li din kellha tkun wahda *ad valorem*. Biex isahhah dan l-assunt tieghu l-appellanti jirrikorri ghall-enuncjazzjonijiet fis-sentenzi fl-ismijiet "**Avukat Dottor Carmelo Galea -vs- Silvio Zammit *et***", Appell Inferjuri, 15 ta' Lulju, 2009, "**Kummissarju tal-Pulizija *et* -vs- Registratur tal-Qorti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Jannar, 2008 u d-decizjonijiet f'dawn kompendjati. Jigi osservat minn din il-gurisprudenza illi in linea ta' massima hu principju li t-tassazzjoni ta' drittijiet gudizzjali ghandha tigi regolata mid-domanda. Huwa konkordat ukoll illi xi drabi jista' jigri ili ghalkemm id-domanda ma tkunx kwantifikata l-principju predett jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid illi meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni t-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuq dan. F'dan il-kuntest insibu b'rikapitulazzjoni generali illi "hu konformi ghall-prattika ta' tassazzjoni ta' l-ispejjez gudizzjarji illi, meta, ghalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata fic-citazzjoni, pero f'xi skrittura jew xort'ohra fi proceduri jkun iffissa somma bhala oggett tal-pretensjoni tieghu, allura dik is-somma titqies id-'domandat', u t-tassazzjoni, li kieku diversament issir fuq l-ottenut, issir fuq 'dik is-somma' ("**Emmanuele Barbara -vs- Michelina Farrugia**", Appell Civili, 10 ta' Ottubru, 1958). Fl-istess sens konkordi huma s-sentenzi bhal "**Lawrence Manche -vs- Registratur tal-Qrati Superjuri**", 7 ta' Lulju, 1982 u "**Avukat Leslie Grech *nomine* -vs- Frank Abela *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002;

Kontra din il-pretensjoni ta' l-appellanti l-kontropartijiet fl-istess gudizzju jopponu ruhhom bl-adoperu tar-Regolament 18 ta' l-Avviz Legali 121 ta' l-1996 li jipprovdi illi "f'kawzi dwar hlasijiet ta' kull sena, assenjazzjonijiet u kazijiet simili, jekk l-ammont ikun indeterminat, id-dritt ikun intaxxat kif provvdut fil-paragrafu 13 fuq l-ammont moghti fis-sentenza finali, izda fl-ebda kaz dak id-dritt ma ghandu jkun anqas minn Lm50". Ghal precizazzjoni l-paragrafu

13 huwa dak stabbilit fit-Tariffa E tal-Kodici ta’ Procedura relattiv ghal valur iffissat f’kull sentenza definittiva;

Ipprecizata d-deduzzjoni ta’ l-appellanti u l-kontra-deduzzjoni ta’ l-appellati, huwa rilevanti f’dan l-istadju li jigi denotat illi fl-istanza ta’ ritassa promossa minn Helen Grech, il-linja difensjonali tal-konjugi Mizzi, patrocinati mill-istess rikorrenti appellanti odjern, kienet fis-sens illi t-tassazzjoni tar-Registratur fil-kawza per Rikors Numru 67/07AE kienet legalment korretta u idoneja in kwantu din saret kif kellu jkun, ossija fuq l-ottenut. Dakinhar ghas-suffragju ta’ dik id-difiza gew citati minnhom d-decizjonijiet fl-ismijiet “**Salvatore Tonna -vs- Edgardo Staines *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 23 ta’ Frar, 1935 u “**Musu` -vs- Notaro Micallef *nomine***”, (**Kollez. Vol. XVII P II p 123**). Jigifieri, skond il-fehma ta’ l-appellanti dakinhar “fl-azzjonijiet li ghandhom bi skop taghhom il-pagament ta’ somma ta’ flus, it-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata fuq id-domanda, u fuq l-ottenut jekk l-ammontar ma jigix determinat mid-domanda”. Din, allura, kienet ix-xorta ta’ opposizzjoni li l-appellanti anke jekk ghan-nom tal-konjugi Mizzi elegga dakinhar. Issa, pero, qed jippretendi li ghandu jfittex rizultament divers billi jirrinunzja ghal dik l-istess difiza u jerga’ lura fuq il-passi tieghu stess. B’kull rispett dovut, ma jistax ikun accettabbli l-presuppost illi dakinhar hu kien qed ihares u jikkawtela l-interessi tal-konjugi Mizzi, patrocinati minnu, mentri issa qed jirrivendika d-drittijiet gudizzjarji proprji in bazi ghall-gurisprudenza xort’ohra minn dik minnu citata b’opposizzjoni ghar-ritassa mitluba minn Helen Grech. Frankament, din il-Qorti ssib li din it-tattika la hi professjonalment lecita u, wisq anqas moralment gustifikabbli. Ma hi xejn allura f’lokha l-kritika negattiva li l-appellanti jaghmel bl-ewwel ilment tieghu di fronte ghall-ewwel Qorti u, anzi, tqisha riprevevoli. Jekk xejn ghaliex il-kwestjoni devoluta ma titkejjilx bil-metru ta’ l-elasticita` kif jaqbel skond ir-rih tal-mument. Jekk kellu raguni dakinhar, allura *omnia tacet,* u mhux tigi riproposta taht pretensjoni *ex novo* ta’ dritt ghax hekk ikun jaqbel;

Maghdud dan, jibqa' l-kompitu ta' din il-Qorti li tistabilixxi x'timporta *per se* d-domanda ta' l-atturi konjugi Mizzi fl-atti tal-kawza li taghha saret it-tassazzjoni u li issa, bl-argoment innovattiv tieghu, ikkontestata mill-appellanti. Evidentement, l-interess guridiku taghhom f'dik l-istanza ghal liema adixxew lill-Qorti kien dak li jottjienu l-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lilhom bhala kera. Xejn anqas u xejn izjed minn hekk. Billi huma ma kkwantifikawx l-ammont pretiz, ir-Registratur ma ntaxxax l-ispejjez tal-prezentata u tad-dritt tar-Registru fuq l-oghla valur minnhom dikjarat fil-Mandat ta' Inibizzjoni, kif hekk issa qed jippretendi l-appellanti li ghandu jkun il-kaz ghal dak li ghandu x'jaqsam fir-rigward tad-drittijiet tieghu;

Il-Qorti tazzarda tghid illi din il-pretensjoni ta' l-appellanti qeghda issa titressaq bil-mod minnu kkontemplat ghaliex fid-decizjoni originali kienu l-konvenuti, issa appellati, li sfaw sokkombenti u mhux il-patrocinati tieghu. Jikkonsegwi ghaldaqstant, fil-hsieb tal-Qorti, illi mhux ghal kollox barra minn loku r-ragonament ta' l-ewwel Qorti fejn din osservat illi "lanqas ikun gust li ghall-parti telliefa li sofriet l-ispejjez tal-kawza, (inkluzi dawk tat-talbiet ta' l-attur) l-ammont jigi ntaxxat fuq l-ghola somma li kienu qeghdin jippretendu l-konjugi Mizzi". *Multo magis,* imbaghad, b'riflessjoni agguntiva, meta kienu huma stess fil-proceduri tar-ritassa promossa minn Helen Grech opponew ruhhom ghat-talba taghha bil-mod gja spjegat. Tabilhaqq, haga wahda hi tassew certa. Bhala konsiderazzjoni ta' dritt, l-appellanti ma jistax jippretendi fuq l-istess punt li kellu ragun f'dik l-opposizzjoni difensjonali u kontemporanjament ukoll, raguni fl-azzjoni prezenti minnu hekk pretestwosament asserita.

Ghal ragunijiet fuq premessi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------